MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 291/1999/1

Nutar Dottor Charles **VELLA ŻARB** u Eric Darmanin

vs

Anna **VELLA**

**Il-Qorti:**

Dan huwa degriet għall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li qiegħed jingħata dwar u fuq talba magħmula mill-atturi waqt is-smigħ tat-13 ta' Ottubru, 2004[1], biex din il-Qorti tqis jekk l-istess atturi għandhomx iħallsu dritt taxxat pretiż mill-periti tekniċi addizzjonali biex huma jwieġbu għall-mistoqsijiet magħmulin lilhom mill-istess atturi in eskussjoni;

Illi l-imsemmija periti tekniċi addizzjonali – kollha kemm huma Arkitetti u Inġinieri Ċivili – ressqu r-rapport tagħhom fid-9 ta' Jannar, 2004[2], u nħalef minnhom f'dati differenti fir-Reġistru, wara li ngħataw is-setgħa li jagħmlu hekk minn din il-Qorti, b'degriet tal-21 ta' Jannar, 2004;

Illi waqt is-smigħ tal-4 ta' Frar, 2004, l-atturi talbu li jitħallew iħarrku lill-istess periti biex jagħmlulhom mistoqsijiet in eskussjoni dwar il-konklużjonijiet milħuqa fl-imsemmi rapport;

Illi l-Qorti laqgħet it-talba u ordnat lill-atturi jħejju l-mistoqsijiet minn qabel u jinnotifikaw bihom lill-istess periti tekniċi;

Illi l-mistoqsijiet tħejjew u ġew mehmużin mal-mandat tat-taħrik tax-xiehda li nħarġu fil-konfront tal-imsemmija periti fit-2 ta' Marzu, 2004;

[1] Paġ. 110 tal-proċess
[2] Paġġ. 71-7 tal-proċess

Illi matul ix-xahar ta' April, 2004, il-periti ressqu dokument bit-tweġibiet għall-mistoqsijiet lilhom magħmula, u talbu lir-Reġistratur jintaxxalhom id-dritt relattiv. Bis-saħħa tad-dritt maħruġ, il-periti tekniċi addizzjonali qegħdin jisħqu li jitħallsu d-dritt lilhom taxxat qabel ma jaħilfu t-tweġibiet;

Illi l-atturi, li kienu talbu l-ħatra tal-periti tekniċi addizzjonali, qegħdin jikkontestaw li għandhom għalfejn jintalbu jħallsu mill-ġdid, ladarba huma kienu ħallsu d-drittijiet tar-relazzjoni addizzjonali;

Illi l-prattika li biha l-perit maħtur minn Qorti jissejjaħ biex iwieġeb mistoqsijiet dwar il-konklużjonijiet milħuqa minnu f'rapport imressaq minnu hija fakulta' li l-liġi proċedurali tagħti lil kull waħda mill-partijiet bil-ħsieb li jiġu iċċarati xi ħwejjeġ li l-imsemmija konklużjonijiet jew ir-raġunijiet li jkunu wasslu għall-imsemmija konklużjonijiet ma jkunux indirizzaw biżżejjed;

Illi l-liġi trid li l-intaxxar ta' dritt dwar rapport li jitressaq minn perit maħtur minn Qorti ikun ir-riżultat ta' ħatra magħmula għal dak il-għan skond l-artikolu 645 tal-Kapitolu 12. Kull ħlas ieħor ta' dritt barrani li jista' jitqies mistħoqq lill-perit maħtur mill-Qorti, ukoll jeħtieġ li jkun ġie appożitament imsemmi f'degriet tal-Qorti[3];

Illi l-liġi tqis li l-ħatra tal-perit tintemm hekk kif jaħlef ir-rapport imressaq minnu. Il-liġi tgħid ukoll li perit jista' jagħżel li ma jaħlifx ir-rapport jekk kemm-il darba ma jkunx sar il-ħlas tad-dritt taxxat[4];

Illi fil-każ preżenti, il-periti addizzjonali kienu ħalfu r-rapport imressaq minnhom wara li kienu tħallsu d-dritt lilhom taxxat. Ma kienu

[3] *Proviso* tar-Regolament 4 tat-Tariffa Ġ tal-Kap 12
[4] Art. 666(2) tal-Kap 12

ngħataw l-ebda ħatra oħra mill-Qorti wara dik li wasslet għat-tressiq tar-rapport tagħhom. L-eskussjoni li ssir lil perit ġudizzjarju m'hijiex ħatra ġdida u l-għan tal-eskussjoni hu, kif ingħad, dak li jdawwal jew jiċċara xi punti dubjużi fir-rapport li jkun tressaq;

Illi f'dan il-każ ġara li l-periti tekniċi addizzjonali ressqu t-tweġibiet tagħhom għall-mistoqsijiet li saru bħala rapport separat u ma stennewx sakemm jagħtu t-tweġibiet fis-smigħ li għalih kienu ġew imħarrkin biex iwieġbu;

Illi l-Qorti tifhem li, kemm minn dak li jseħħ fil-prattika u kif ukoll minħabba l-għamla ta' mistoqsijiet li jkunu saru, l-perit eskuss ġieli jitpoġġa f'qagħda li jkollu jistħarreġ mill-ġdid xi aspetti li jkunu marbutin mar-rapport u li ma jkunx stħarreġ qabel. Tifhem ukoll li jeżistu preċedenti bla għadd ta' każijiet fejn ġew intaxxati drittijiet lill-periti ġudizzjarji għat-tweġibiet li jkunu taw in eskussjoni. Imma jrid jingħad ukoll li, fil-biċċa l-kbira minnhom, dan seħħ għaliex il-perit ġudizzjarju jkun għarraf lill-Qorti minn qabel li l-mistoqsijiet kienu jirrikjedu stħarriġ mill-ġdid ta' xi punt ewlieni u l-Qorti tkun tat il-kunsens tagħha b'degriet li tali stħarriġ ġdid jieħu s-sura ta' rapport, wara li tkun ukoll ipprovdiet dwar l-ispejjeż marbuta ma' eżerċizzju bħal dak;

Illi, madankollu, hija l-fehma sħiħa tal-Qorti li, filwaqt li l-parti li tressaq il-mistoqsijiet għandha toqgħod b'seba' għajnejn x'mistoqsijiet tagħmel, il-perit eskuss għandu jwieġeb biss b'mod li jiċċara l-konklużjonijiet tiegħu diġa' mressqin u jżomm lura milli jerġa' jagħmel kostatazzjonijiet ġodda jew jagħti fehmiet ġodda bħallikieku kien ingħata ħatra ġdida b'degriet;

Illi l-Qorti tasal għall-fehma li billi l-perit eskuss m'huwa jagħmel xejn aktar milli jiċċara dak li jkun qal f'rapport, ma jinħoloq l-ebda jedd ta' ħlas ta' dritt ġdid jew dritt addizzjonali. Il-qagħda tiegħu f'dak l-istadju tixbah

waħda ta’ xhud imħarrek minn xi waħda jew iżjed mill-partijiet. Dan tgħidu l-liġi nfisha[5];

Għalhekk, il-Qorti qegħda tipprovdi dwar it-talba tal-atturi billi tgħid li ma huwa dovut l-ebda ħlas ta’ drittijiet addizzjonali għat-tweġibiet magħmulin mill-periti tekniċi addizzjonali dwar dawk il-mistoqsijiet li sarulhom skond il-liġi, mingħajr ħsara għad-drittijiet dovuti lilhom skond il-Kapitolu 108 tal-Liġijiet ta’ Malta[6].

## < Sentenza In Parte >

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] Art. 680(1) tal-Kap 12
[6] Ara Reg. 19 tat-tariffa K, tal-Kap 12